MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 159/2005

**Atlas Insurance Limited**
**(C 15239) de proprio, kif ukoll kif surrogat fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited**

**Vs**

**Sullivan Maritime Ltd bhala agent tas-socjeta` estera Atlantica SpA di Navigazione armatur u/jew nolleggjatur tal-bastiment "M.V. Eurostar Valencia"**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta` Jannar, 2005, fejn intalab sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` erba` mija u tlieta u erbghin lira (Lm434.00), rapprezentanti valur ta` danni mhallsa in konnessjoni ma` hsarat subiti f'konsenja ta` 26 vettura Peugeot li waslu hawn Malta fis-16 ta` April, 2004, fuq il-bastiment M.V. Eurostar Valencia kif ghandu jirrizulta mid-dokumenti ezebiti u mmarkati Dok ZM 1 sa ZM 7.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-kawza sal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 14 ta` Frar, 2005, fejn ikkontestat it-talba attrici fis-sens illi (1) ma kinietx responsabbli ghall-allegati hsarat (2) ghandha ssir il-prova tas-surroga (3) ma hemmx prova tas-survey fees u (4) li l-ammont mitlub huwa eccessiv.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Gew ezaminati l-provi migjuba nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-kontendenti u b'mod partikolari ha notament tal-fatt illi gie konstatat fl-istess osservazzjonijiet illi l-kwistjoni ahharija ta` bejn il-partijiet kienet irrisolviet ruhha biss fuq il-Kap ta` l-ispejjez u dana in vista tal-fatt li mill-provi prodotti rrizulta li n-nuqqasijiet lamentati ma setghux jigu attribwiti lis-socjeta` konvenuta.

Ikkunsidra.

Illi s-socjeta` attrici tafferma li hija waslet biex intavolat dawn il-proceduri kontra s-socjeta` konvenuta peress illi din ta` l-ahhar baqghet ma baghatitilhomx it-*tally sheets* relattivi. Brian Valenzia, rapprezentant tas-socjeta` attrici jikkonferma li huma kienu rcevew parti mill-ammont tal-hsarat minghand il-Cargo Handling fuq kalkolu li ghamlet din l-istess socjeta` ta` l-ahhar minghajr ma sar ebda verifika da parti tas-socjeta` attrici. Emmanuel Portelli, rapprezentant tas-socjeta` konvenuta jafferma illi qabel ma giet intavolata din il-kawza huma qatt ma kienu rcevew xi claim minghand is-socjeta` attrici. Illi mit-*tally sheet* ezebita minn dan ix-xhud Dok. EP 1, a fol. 31 tal-process, ma tirrizulta ebda hsara fil-vetturi in kwistjoni. L-istess jinghad mid-dokument RP 2, a fol. 35 tal-process u Dok RP 1, a fol. 34 tal-process, it-tnejnipprezentati mix-xhud Ronald Pellegrini tal-Cargo Handling.

In vista ta` dawn il-provi ghalhekk it-Tribunal ma jistax jifhem kif jista` jattribwixxi xi responsabbilita` legali lis-socjeta` konvenuta. Dwar il-Kap ta` l-ispejjez jinghad li fl-ewwel lok ma ngabet ebda prova li kienet saret xi nterpellanza lis-socjeta` konvenuta qabel ma gew intavolati l-proceduri odjerni u fit-tieni lok, it-Tribunal isib illi s-socjeta` attrici setghet facilment tivverifika mal-Cargo Handling fuq id-dokumenti rilevanti ghall-kaz fil-mument meta ta` l-ahhar kienu qed ihalsuha parti mill-valur tal-hsarat.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, kwindi jichad it-talba tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------